Nru. 17,810
Prezz Lm1.60c
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 26 ta' Awissu, 2005
Friday, 26th August, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 894

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fl-20 ta' Awissu 2005, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-26 ta' Awissu, 2005

Nru. 895

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Is-26 ta'Awissu, 2005
(File No. L30/83)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjonijiet ta' l-Aġent President ta' Malta ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Awissu, 1983 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 530 u Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Marzu 1988 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 200, l-Aġent President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art

GOVERNMENT NOTICES

No. 894

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 20th August 2005, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

26th August, 2005

No. 895

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

26th August, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declarations of the Acting President of Malta published in the Government Gazette of the 26th August, 1983 under Notice No. 530, and the Government Gazette of the 8th March 1988 under Notice No. 200, the Acting President of Malta had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the

għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Qrendi:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 15-il metru kwadru - mill-ewwel sular 'il fuq - li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' C. Mallia u mit-Tramuntana u mill-Punent ma' toroq pubbliċi, murija bil-kulur isfar fuq il-pjanta msemmija hawn taħt.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5.5 metri kwadri - mill-ewwel sular 'il fuq - li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur George Cassar, mil-Lvant u mill-Grigal ma' triq pubblika, murija bil-kulur blu fuq il-pjanta msemmija hawn taħt.

3. L-arja tat-tromba tat-taraġ proposta minn fond ta' 30 ċentimetri taħt wiċċ it-taraġ murija bl-aħdar fuq il-pjanta msemmija hawn taħt.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta P.D. 146_2002_A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

It-18 ta' Awissu, 2005

Nru. 896

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Direttur (*Resourcing*) - Settur Pubbliku) fil-*Management and Personnel Office*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Charles Stafrace bħala Direttur (*Resourcing* - Settur Pubbliku) fil-*Management and Personnel Office* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'seħħ mid-19 ta' Lulju, 2005.

It-22 ta' Awissu, 2005
OPM/MPO/40/93/XII

Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Qrendi:

1. A plot of land of the area of around 15 square metres - from the first floor upwards - bounded on the South West by property of C. Mallia and on the North and the West by public roads, shown with the colour yellow on the plan mentioned hereunder.

2. A plot of land of the area of around 5.5 square metres - from the first floor upwards - bounded on the North West by property of Mr George Cassar, on the East and the North East by a public road, shown with the colour blue on the plan mentioned hereunder.

3. The proposed airspace of the staircase from a depth of 30 centimetres underneath the surface of the stairs shown in green on the plan mentioned hereunder.

The abovementioned land is shown marked on plan P.D. 146_2002_A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

18th August, 2005

No. 896

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Director (Resourcing - Public Sector) in the Management and Personnel Office

IN exercise of the powers vested in him by article 92(4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Charles Stafrace as Director (Resourcing - Public Sector) in the Management and Personnel Office within the Office of the Prime Minister with effect from 19th July, 2005.

22nd August, 2005

Nru. 897

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Cacciottolo	Direttur *Director*	Teżor *Treasury*	16-22.08.2005

Is-26 ta' Awissu, 2005

No. 897

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (TREASURY)

THE Permanent Secretary, in the Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

26th August, 2005

Nru. 898

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	25.8–01.09.2005

Is-26 ta' Awissu, 2005

No. 898

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

26th August, 2005

Nru. 899

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Ħatra ta' Membru fil-Bord ta' Pariri dwar Akkreditament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 366 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' April 2005, ngħarrfu illi s-Sinjura Moira Pace nħatret mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bħala membru fuq il-Bord ta' Pariri dwar Akkreditament mit-18 ta' Awissu 2005, minflok Dott. Susan Chircop.

Is-26 ta' Awissu, 2005

No. 899

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Appointment of Member in the Accreditation Advisory Board

WITH reference to Government Notice No. 366 published in the Government Gazette of the 12th April 2005, it is notified that Ms Moira Pace has been appointed by the Ministry for Rural Affairs and the Environment as a member on the Accreditation Advisory Board as from the 18th August, 2005, instead of Dr Susan Chircop.

26th August, 2005

Nru. 900

'WARRANT' MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (2) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Dott. Hector Bonavia	Is-Sur Victor Grech
Dott. Claude Depasquale	Il-Maġġur Martin Xuereb
Is-Sur Clive Agius	Dott. Deborah Mangion
Dott. Franklyn Bonello	Dott. Elaine Cutajar
Ms Angele Azzopardi	Is-Sur Walter Mallia
Dott. Tanya Vella	Ms Vanessa Frazier
Is-Sur Jean Micallef Grimaud	Ms Therese Brincat
Ms Francesca Amodeo	Dott. Ivan Fsadni
Dott. Noel Buttigieg Scicluna	Dott. Abraham Borg
Ms Natasha Meli	Is-Sur Ian Galea
Is-Sur Saviour Falzon	

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Is-26 ta' Awissu, 2005
(MJHA/144/2003/III)

No. 900

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs

Dr Hector Bonavia	Mr Victor Grech
Dr Claude Depasquale	Major Martin Xuereb
Mr Clive Agius	Dr Deborah Mangion
Dr Franklyn Bonello	Dr Elaine Cutajar
Ms Angele Azzopardi	Mr Walter Mallia
Dr Tanya Vella	Ms Vanessa Frazier
Mr Jean Micallef Grimaud	Ms Therese Brincat
Ms Francesca Amodeo	Dr Ivan Fsadni
Dr Noel Buttigieg Scicluna	Dr Abraham Borg
Ms Natasha Meli	Mr Ian Galea
Mr Saviour Falzon	

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

26th August, 2005

Nru. 901

AKKWIST TA' ART

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 891 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Awissu 2005, ngħarrfu illi l-*File Number* ta' l-Akkwist ta' Art relatat kellu jkun "(File L400/2003/VII/28)".

Is-26 ta' Awissu, 2005

No. 901

ACQUISITION OF LAND

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 891 published in the Government Gazette of the 24th August 2005, it is notified that the File Number of the related Land Acquisition should have read "(File L400/2003/VII/28)".

26th August, 2005

Nru. 902

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 902

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 299	John Borg	Ħandaq Cold Stores Profs Carmelo Coleiro Street Ħandaq, Qormi	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.87	17.08.05
CD/3209/2005 Pt 286	Mary Licari	Kama 93, Valley Road Msida	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022	29.07.05
CD/3209/2005 Pt 287	Joseph Muscat	Genesis Garage Majjestru Ġużè Camilleri Street Tal-Ħandaq Industrial Area, Tal-Ħandaq	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	03.08.05
CD/3209/2005 Pt 297	Charles Fenech	The Sandy Point Il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa l/o Mellieħa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.11	10.08.05
CD/3209/2005 Pt 296	Joseph Borg	Gauda 252, Main Street Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.43	11.08.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 294	Anthony Cassar	Confetteria D'Antonio 158, San Gejtano Street Ħamrun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24 52.11 52.25	10.08.05
CD/3209/2005 Pt 292	Anthony Saliba	Tony's Garage Taflija Street Xewkija, Gozo	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	50.2	28.07.05
CD/3209/2005 Pt 289	Mark Cassar	Frans Décor Vjal Blue Grotto Żurrieq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	04.08.05
CD/3209/2005 Pt 300	Nathan Farrugia	Razzett tal-Ħbiberija Triq Żinżell Marsascala	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	70.2 74.87.1	12.08.05
CD/3209/2005 Pt 288	Justin Brincat	Piccola Bottega 14, Old Theatre Street Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.11	07.07.05
CD/3209/2005 Pt 291	Isabelle Gatt	The Village Bargain Shop 10, Main Street Tarxien	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44 52.48.13 52.33	08.05.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-26 ta' Awissu, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

26th August, 2005

Nru. 903

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 903

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Alistair Rizzo	144687 (M)	9, "Santa Famiglia", Triq l-Għammiel tal-Bejt, Mosta
Victor Spiteri	449085 (M)	82, Triq San Trofimu, Sliema
Alan Vassallo	424780 (M)	"Scotia", Triq Mater Boni Consilli, Fgura
Jessica Tabone	395686 (M)	17, "Nid D'Amour", Triq Mons. Edgar Salamone, Mosta
Maria Azzopardi	85981 (M)	101, Triq il-Parroċċa, Mqabba
Carmel Mallia	861450 (M)	"Casa Blanca", Triq Matteolo Saliba, Żurrieq
Rosabella Arding	589581 (M)	"Bellchris", Triq Sant'Antnin, Żabbar
Reuben Silvio	60181 (M)	"Our Blessing", Triq Filippu Farrugia, Żurrieq
Charles Farrugia	154476 (M)	Ent. 34, Flat 5, Sqaq Brittaniku Numru 2, Tarxien
Ryan Cowan k/a Buttigieg	21761 (A)	18, "Merħba", Triq Ġebel Għawżara, Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Baħar
Ernest Grima	19176 (M)	16, "Jonquil", Triq il-Falkunier, Fgura

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Alfred Gatt	804251 (M)	Blokk 2, Skema 2, Flat 5, Telgħet Raħal il-Ġdid, Paola
Charles Sultana	533663 (M)	Massabielle A, Flat 1, Triq Ġorġ Zahra, Luqa
Shaun Axiaq	176587 (M)	19, "St Joseph", Flat 1, Triq iċ-Ċjaċinti, San Ġwann
Joseph Sarè	366172 (M)	"Lola", Flat 3, Triq il-Qaliet, Marsascala
Kevin Aquilina	539178 (M)	"Flacan", Triq Santa Marija, Żabbar

Michael Ellul	504272 (M)	5, "Love Nest", Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Għaxaq
Joseph Matthew Manwel Lia	576784 (M)	53, Triq Sant'Enrike, Sliema
Clayton Busuttil	431885 (M)	14, "Clayman", Triq il-Buttar, Santa Venera
Oliver Sammut	433971 (M)	"Country Cottage", Triq ir-Raħħala, Manikata, Mellieħa
Richard Mercieca	338746 (M)	"St Edward", Flat 1, Triq il-Qalb ta' Ġesu, San Pawl il-Baħar
Leonard Calleja	643260 (M)	"Leontess", Triq Filippu Gutenberg, Qrendi
Ronald Caruana	497077 (M)	"Tulip Court", Flat 2, Triq San Tumas, Tarxien
Aaron Formosa	585378 (M)	243, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa
Keith Abela	592585 (M)	53, "Id-Dwejra", Triq Ħal Ġwann, Żejtun
Joseph Attard	198672 (M)	"Opal", Triq Ħamsin, Xewkija, Għawdex
Edmond Mangion	7985 (M)	"Jomantess", Vjal it-Torri, Gudja
Josef Abdilla	273786 (M)	36, "Żernieq", Triq il-Warda, Qrendi
Louis Oliviero	716362 (M)	"Casa Oliviero", iċ-Ċirku ta' l-Imsida, Msida
Kurt Frendo	234283 (M)	43, Pjazza Robert Sammut, Floriana
Neville Clarke Bunting	296088 (M)	"Lisadell", Flat 6, Triq il-Kulleġġ, Mosta
Joseph Vella	709053 (M)	65, "Morning Glory", Triq l-Għasel, Mellieħa
Vincent Cilia	64967 (M)	"Eagle", Flat 3, Triq C. De Brockdorff, Msida
Joseph Cauchi	559047 (M)	25, Triq il-Kbira, Balzan
Jason Gauci	131179 (M)	Flats Indipendenza, Binja ta' l-Għenieq, Naxxar
Jeffrey Vella	6379 (M)	25, "Philpol", Triq il-Plejju, Qormi
Nicholai Spiteri	502878 (M)	52, Triq l-Isperanza, Mosta

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-26 ta' Awissu, 2005

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

26th August, 2005

Nru. 904

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 904

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
19. 08. 05	Lm5.04c6	9c1
22. 08. 05	Lm5.01c3	9c0
23. 08. 05	Lm5.01c4	9c2
24. 08. 05	Lm5.03c6	9c1
25. 08. 05	Lm4.97c1	8c9

Is-26 ta' Awissu, 2005

26th August, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 86

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Nhar it-Tlieta, it-30 ta' Awissu 2005, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mill-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru 2005, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mill-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Settembru 2005, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mill-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Settembru 2005, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: l-Għerien, Snajjin, il-Kbira, G. Borg Olivier, San Publiju, il-Parroċċa u Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2005, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: is-Sifa, il-Qamħ, V. Ciappara, N. Caruana Dingli, it-Tħin, il-Mitħna l-Ġdida, il-Parroċċa, l-Għerien, Snajjin, l-Għoljiet, il-Kbira, Sant'Anna u Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar it-Tlieta, is-6 ta' Settembru 2005, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Mitħna l-Qadima, San Ġużepp, Francis Zahra, il-Kbira, Sant'Anna, il-Parroċċa, Misraħ il-Miġja tal-Papa, G. Borg Olivier u Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru 2005, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Sant'Anna, il-Parroċċa u Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Settembru 2005, mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza tal-Parroċċa, San Pawl, Ġnien Ingraw, il-Mitħna l-Ġdida, Sant'Anna, G. Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, San Ġużepp, San Ġorġ, tas-Salib, il-Kbira u l-Parroċċa.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Settembru 2005, mill-4.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Sant'Anna, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, G. Borg Olivier, il-Parroċċa u Pjazza tal-Parroċċa.

Il-vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

POLICE NOTICE

No. 86

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mellieħa

On Tuesday, 30th August 2005, from 5.00 p.m. to midnight through Parish Square.

On Friday, 2nd September 2005, from 7.00 p.m. to midnight through Parish Square.

On Saturday, 3rd September 2005, from 4.00 p.m. to midnight through Parish Square.

On Sunday, 4th September 2005, from 7.00 p.m. to midnight through the following streets: l-Għerien, Snajjin, il-Kbira, G. Borg Olivier, San Publiju, il-Parroċċa and Parish Square.

On Monday, 5th September 2005, from 7.00 p.m. to midnight through the following streets: is-Sifa, il-Qamħ, V. Ciappara, N. Caruana Dingli, it-Tħin, il-Mitħna l-Ġdida, il-Parroċċa, l-Għerien, Snajjin, l-Għoljiet, il-Kbira, Sant'Anna and Parish Square.

On Tuesday, 6th September 2005, from 7.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Mitħna l-Qadima, San Ġużepp, Francis Zahra, il-Kbira, Sant'Anna, il-Parroċċa, Misraħ il-Miġja tal-Papa, G. Borg Olivier and Parish Square.

On Wednesday, 7th September 2005, from 7.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Kbira, Sant'Anna, il-Parroċċa and Parish Square.

On Thursday, 8th September 2005, from 9.00 a.m. to 2.00 p.m. through the following streets: Parish Square, San Pawl, Ġnien Ingraw, il-Mitħna l-Ġdida, Sant'Anna, G. Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, San Ġużepp, San Ġorġ, tas-Salib, il-Kbira and il-Parroċċa.

On Thursday, 8th September 2005, from 4.30 p.m. to midnight through the following streets: Sant'Anna, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, G. Borg Olivier, il-Parroċċa and Parish Square.

Any vehicles found parked in said streets would be towed away.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Settembru, 2005, mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, San Mikiel, il-Ponta u s-Sirena.

Nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru, 2005, mis-6.00 p.m. minn Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru.

Nhar it-Tlieta, is-6 ta' Settembru, 2005, mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Misraħ il-Papa Benedettu XV, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Misraħ F. Zahra u l-Vitorja.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru, 2005, mit-8.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, il-Kunċizzjoni, il-Miġja tal-Papa, il-Maċina, San Ġużepp, il-Ħabs, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra u l-Vitorja.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru, 2005, mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Papa Benedettu XV, il-Vitorja, Misraħ F. Zahra, iż-Żewġ Mini, il-Maċina, ix-Xatt u Taraġ tax-Xatt.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Settembru, 2005, mill-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Papa Benedettu XV, l-Arċisqof Mattei, Misraħ G. Mitrovic, il-Vitorja, Misraħ F. Zahra, San Ġiljan, San Ġużepp, il-Maċina, iż-Żewġ Mini u Taraġ tax-Xatt.

Il-vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Settembru, 2005, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, il-Kbira u Bormla.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Settembru, 2005, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, l-Immakulata Kunċizzjoni, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, il-Kbira u San Duminku.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Settembru, 2005 bejn is-6.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Wesgħa ta' Bir id-Deheb, Madonna tal-Ħniena, Melchiore Gafà, John Borg, San Ġwann, Santa Marija, Ħal Biżbut, Dr Cannataci, Kan. G. Vella u Sir Paul Boffa.

Il-vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Awissu, 2005

Senglea

On Sunday, 4th September, 2005 from 7.00 p.m. through the following streets: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, San Mikiel, il-Ponta and is-Sirena.

On Monday, 5th September, 2005 from 6.00 p.m. through Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru.

On Tuesday, 6th September, 2005 from 7.00 p.m. through the following streets: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Misraħ il-Papa Benedettu XV, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Misraħ F. Zahra and il-Vitorja.

On Wednesday, 7th September, 2005 from 8.00 a.m. through the following streets: Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, il-Kunċizzjoni, il-Miġja tal-Papa, il-Maċina, San Ġużepp, il-Ħabs, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra and il-Vitorja.

On Wednesday, 7th September, 2005 from 7.00 p.m. through the following streets: Misraħ Papa Benedettu XV, il-Vitorja, Misraħ F. Zahra, iż-Żewġ Mini, il-Maċina, ix-Xatt and Taraġ tax-Xatt.

On Thursday, 8th September, 2005 from 4.00 p.m. through the following streets: Misraħ Papa Benedettu XV, l-Arċisqof Mattei, Misraħ G. Mitrovic, il-Vitorja, Misraħ F. Zahra, San Ġiljan, San Ġużepp, il-Maċina, iż-Żewġ Mini and Taraġ tax-Xatt.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

Żabbar

On Sunday, 11th September, 2005 from 8.00 a.m. onwards, through the following streets: is-Santwarju, il-Kbira and Bormla.

On Sunday, 11th September, 2005 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: is-Santwarju, l-Immakulata Kunċizzjoni, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, il-Kbira and San Duminku.

Żejtun

On Sunday, 18th September, 2005 from 6.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Wesgħa ta' Bir id-Deheb, Madonna tal-Ħniena, Melchiore Gafà, John Borg, San Ġwann, Santa Marija, Ħal Biżbut, Dr Cannataci, Kan. G. Vella and Sir Paul Boffa.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

26th August, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li neħħa oġġett ta' ingombru mill-post imsemmi hawn taħt.

Dan l-oġġett jinsab maħżun għand il-Pulizija f'Ta' Kandja

Il-Kummissarju jgħarraf li se jordna l-bejgħ ta' dan l-oġġett jekk dan ma jittiħedx lura mis-sid leġittimu tiegħu fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Għaldaqstant is-sid li jrid jieħu lura dan l-oġġett għandu jġib prova suffiċjenti tat-titolu tiegħu għal dak l-oġġett jew iġib dik il-garanzija li l-Kummissarju tal-Pulizija jqis suffiċjenti li tkun indinniz għalih kontra kull talba li jkollha x'taqsam mar-ritorn ta' dak l-oġġett lis-sid leġittimu tiegħu.

Qabel jiġu meħuda lura xi oġġett mis-sid irid jitħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija dawk id-drittijiet għat-tneħħija u l-ħażna ta' dak l-oġġett jew dawk l-oġġetti mill-Pulizija.

Data *Date*	Għamla *Type*	Post ta' tneħħija *Place of removal*
4.5.05	Fiat Ritmo CAL 561	On Bus Stage opposite the Departures Hall, Malta International Airport, Gudja

Is-26 ta' Awissu, 2005

POLICE NOTICE

The Commissioner of Police notifies that the encumberance object shown hereunder was removed from the under mentioned place.

The object is stored at the Police Compound Ta' Kandja

In addition, the Commissioner of Police notifies that if this object is not retrieved by its lawful owners within one month from the publication of this notice, such objects shall be sold.

In order to retrieve any such object, the owner must produce sufficient proof of his entitlement thereto or such guarantee which the Commissioner may deem sufficient indemnifying him against any claim in connection with the return of such object if retrieved by the owner.

Before any object is retrieved by the owner, he must pay the fees for the removal and storing of the objects to the Commissioner of Police.

26th August, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Post ta' *Junior Legal Officer*/ *Legal Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjonidwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-26 ta' Awissu, 2005

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Junior Legal Officer/ Legal Officer in the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo

The Director, Corporate Services, Ministry for Gozo, notifies that the result for the above mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board of the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

26th August, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Substitute Executive Officers* b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Executive Officers* b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ. Kandidati magħżula se jaqdu dmirijiethom, kif hemm bżonnhom fid-Dipartimenti tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. Is-salarju ta' *Casual Substitute Executive Officer* ikun bir-rata ta' Lm4,325 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Executive Officer*.

3. *Casual Substitute Executive Officer* jista' jaħdem fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallas *pro-rata*. Jekk ma jkunx qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time*, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari ta' l-MPO 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

4. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Executive Officer* tkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*CasualSubstitute Executive Officer* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. *Casual Substitute Executive Officers* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Id-dmirijiet ta' *Casual Substitute Executive Officer* jinkludu:–

(a) jimplimentaw il-*policy* tal-Gvern dwar varjetà kbira ta' attivitajiet, servizzi u setturi taħt id-direzzjoni ta' *middle managers*; jattwaw id-dispożizzjonijiet ta' liġijiet, regolamenti, direttivi u struzzjonijiet.

(b) jittrattaw korrispondenza, każi u mistoqsijiet dwar il-funzjoni tat-taqsima; jittrattaw mal-pubbliku, jisimgħu lmenti, iwieġbu mistoqsijiet u jieħdu deċiżjonijiet.

(ċ) ikunu responsabbli biex ifittxu bir-reqqa każi li ma jaqgħux direttament taħt il-*policy* u proċeduri approvati, u jirrakkomandaw xi azzjoni xierqa f'każi bħal dawn.

(d) jagħmlu xogħol bħala *Executive Assistant* ta' Kap ta' Dipartiment jew Uffiċjal Anzjan.

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Substitutes Executive Officers on Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry of Education, invites applications for the engagement of Casual Substitutes Executive Officers on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary. The selected candidates will be posted as necessary in the various Departments within the Education Division.

2. The salary of a Casual Substitute Executive Officer will be at the rate of Lm4,325 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Executive Officer.

3. Casual Substitute Executive Officer may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. Casual Substitute Executive Officer will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work, the Casual Substitute Executive Officer will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Executive Officer at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Casual Substitute Executive Officers will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. The duties of a Casual Substitute Executive Officer include:

(a) implementation of govermnent policy over a wide range of activities, services or sectors under the direction of middle managers; translation of laws, regulations, directives and instructions into action.

(b) dealing with correspondence, cases and enquiries relating to the function of the unit; dealing with members of the public, answering queries, hearing complaints and communicating decisions.

(c) responsibility for scrutinising cases that do not fall within the scope of approved policy and procedures, and recommendation of appropriate action.

(d) may function as the Executive Assistant of a Head of Department or a Senior Officer.

(e) jagħmlu xogħol ta' *accounting* u xiri f'Taqsima ta' l-*Accounts* u xogħol ta' impjegati f'Taqsima ta' l-Impjegati.

8. Applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ta' l-anqas tliet *passes* fil-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* fil-Livell Avvanzat u sitt *passes* fil-Livell Ordinarju. L-Ingliż, il-Malti u l-Matematika li huma obbligatorji jistgħu jiġu offruti sew f'Livell Avvanzat kif ukoll f'Livell Ordinarju. Kemm-il darba jkunu offruti f'Livell Avvanzat ma jistgħux jerġgħu jiġu ppreżentati fil-Livell Ordinarju. Kandidati li jkunu kisbu ċertifikat sħiħ fis-suġġetti segretarjali maħruġ mill-Iskola għal Studji Segretarjali Sir Hannibal Scicluna jistgħu jippreżentaw dan iċ-ċertifikat bħala ekwivalenti għal suġġett 'A' Level.

(ċ) ma jkollhomx inqas minn 17-il sena.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11. L-applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mill-*Customer Care*, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, *Customer Care*, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Settembru, 2005.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u

(e) Accounting and procurement work within an Accounts Section and personnel work within the Personnel Section.

8. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of at least three GCE/Matriculation/SEC/Matsec passes at Advanced Level and six passes at Ordinary level. English, Maltese and Mathematics which are a requisite may be offered either at Advanced level or Ordinary level; provided that if they are offered at Advanced level they may not be present again at Ordinary level. Candidates who have obtained the full certificate in Secretarial subjects issued by Sir Hannibal Scicluna Secretarial School may offer this certificate as an equivalent to an 'A' level subject.

(c) Not less than seventeen (17) years of age;

(d) of good moral character (a Police certificate of conduct issued within six months prior to the closing date of applications should be provided).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

13. Application forms (the only ones admissible) will be obtained from the Customer Care, Education Division, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

14. Applications will be received in the first instance by the Director General, at the Customer Care, Education Division, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon of Wednesday, 14th September, 2005.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number

għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-diviżjoni riċeventi huwa 21225630.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Awissu, 2005

of the receiving Division is 21225630.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

26th August, 2005

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Postijiet ta' *Professional Executive (Engineer Electrical) Trainee* jew *Professional Executive (Engineer Mechanical) Trainee*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet ta' *Professional Executive (Engineer) Trainee* mal-Korporazzjoni Enemalta.

2. In-nomina tkun fuq bażi *whole-time* u tkun soġġetta għal konferma wara li jgħaddu sitt (6) xhur u hija soġġetta wkoll għar-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għall-ieħor fil-Korporazzjoni Enemalta. Wieħed jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tal-Korporazzjoni.

3. *Professional Executive (Engineer) Trainee* jiġi impjegat b'salarju ta' Lm5,892 x Lm139- Lm6,726 (Skala 9).

4. Il-*Professional Executive (Engineer) Trainee* ikun eliġibbli li jipprogressa għal *Professional Executive I (Engineer)* wara li jtemm sentejn servizz fil-grad, bil-kundizzjoni li jkun wettaq b'sodisfazzjon dmirijietu matul iż-żmien msemmi, u jkun kiseb il-*Warrant* biex jipprattika l-professjoni ta' Inġinier.

5. Min jintgħażel ikun obbligat li jaħdem fuq bażi ta' *shift* meta u kif meħtieġ. B'żieda mas-salarju msemmi f'paragrafu 3 hawn fuq, titħallas *shift allowance* fejn applikabbli.

6. Il-*Professional Executive I (Engineer)* ikun meħtieġ jagħmel xogħol ta' Inġinier relatat mat-Taqsima li magħha jkun assenjat u jkun responsabbli mill-impjegati fdati taħt il-ħarsien tiegħu. Ikun meħtieġ jaġixxi b'mod ġenerali taħt il-gwida ta' *Senior Engineers* tat-Taqsima.

7. Fid-data ta l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:–

ENEMALTA CORPORATION

Posts of Professional Executive (Engineer Electrical) Trainee or Professional Executive (Engineer Mechanical) Trainee

Applications are invited for the filling of the posts of Professional Executive (Engineer) Trainee with Enemalta Corporation.

2. The appointment will be on a full time basis and is subject to confirmation following a probationary period of six (6) months and is subject to the rules and regulations governing from time to time Enemalta Corporation. It involves the liability to transfer according to the exigencies of the Corporation.

3. The Professional Executive (Engineer) Trainee will be engaged with a salary of Lm5,892 x Lm139- Lm6,726 (Scale 9).

4. A Professional Executive (Engineer) Trainee will be eligible for progression to Professional Executive I (Engineer) on satisfactory completion of two (2) years' service in the grade and having obtained the Warrant to practice as an Engineer.

5. The appointees will be under obligation to work by a shift system when and as required. In addition to the salary mentioned in paragraph 3 above, a shift allowance will be payable where applicable.

6. The Professional Executive I (Engineer) will be required to perform general engineering duties with the section to which he is assigned and will be responsible for employees under his chargeġ will be required to act under the general guidance of other Senior Engineers in the section.

7. On the closing date of applications applicants must:–

a) ikunu ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija maħruġ matul is-sitt (6) xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

b) jippreżentaw ċertifikat tat-twelid tagħhom u ta' missierhom li juri l-post tat-twelid;

c) jippreżentaw fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tagħhom.

8. L-applikanti jridu:–

a) jkollhom grad Universitarju fl-Inġinerija Elettrika jew Mekkanika;

JEW

b) ikunu ġew approvati mill-Università għall-għoti ta' dan il-grad.

9. L-applikanti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar il-kwalifiki u/jew l-esperjenza tagħhom li għandhom ikunu sostnuti b'dokumenti u/jew ċertifikati. Kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni.

10. L-applikanti jridu joqogħdu għal intervista u fejn meħtieġ għal eżami prattiku bil-għan li tiġi stabbilita l-kapaċità tagħhom li jagħmlu xogħol relatat ma' dan il-grad.

11. Min jiġi nominat irid joqgħod għal eżami mediku sabiex jiġi aċċertat li hu f'saħħtu biex jaqdi d-doveri ta' din il-kariga.

12. Min jiġi nominat ikun obbligat li jaħdem barra mill-ħin normali kif u meta jkun meħtieġ.

13. L-applikanti jridu jippreżentaw C.V. tagħhom fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Korporazzjoni Enemalta, Moll il-Knisja, il-Marsa sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Settembru, 2005.

14. L-applikanti għandhom jiżguraw li jingħataw irċevuta li l-applikazzjoni tagħhom waslet fil-ħin.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard u applikazzjonijiet li ma jkunux mimlija sewwa u/jew mingħajr id-dokumenti msemmija f'paragrafi 7 u 9, ma jiġux aċċettati.

Permess mill-ETC Nru. 96/2005.

Is-26 ta' Awissu, 2005

a) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within six (6) months prior to closing date of applications must be produced);

b) produce their own and their father's birth certificate showing place of birth;

c) produce a photocopy of their Identity Card.

8. Applicants must:–

a) be in possession of a University Degree in Electrical or Mechanical Engineering;

OR

b) have been approved by the University for the award of this Degree.

9. Applicants are to state clearly their qualifications andċ or experience which have to be supported by testimonials andċ or certificates. A copy of these documents must be attached to the application.

10. Applicants will be submitted to an interview and where necessary to a practical test designed to assess their ability to carry out the work related to the grade.

11. Successful candidates to the mentioned posts will be medically examined to ascertain that they are fit to perform the work related to the grade.

12. Successful candidates to the mentioned posts will be under obligation to perform extra hours of work as and when required.

13. Applicants are to submit their C.V. to the Human Resources Section Enemalta Corporation, Church Wharf Marsa by not later than Friday, 9th September, 2005

14. Applicants are to ensure that receipt of their application is acknowledged in time.

